

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-56/13)

(2013/C 274/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni li tikkonċerna t-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni, liema deċiżjoni tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni l-ġodda relatati mal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni adottata mill-Awtorità tal-Ħatra fis-27 ta' Frar 2013, li permezz tagħha ġew miċħuda l-ilmenti mressqa mir-rikorrent fis-7 ta' Jannar 2013 kontra d-deċiżjonijiet tal-PMO.4 tal-10 ta' Ottubru 2012;
- jannulla bl-istess mod l-imsemmija deċiżjonijiet adottati mill-PMO.4 fl-10 ta' Ottubru 2012, li kontribom ġew imressqa l-ilmenti tar-rikorrent;
- jikkonstata l-illegalità tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ġew adottati fit-3 ta' Marzu 2011, b'mod partikolari fl-Artikolu 9 tagħhom, u jiddikjarahom inapplikabbli f'dan il-każ;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-60/13)

(2013/C 274/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni impliċita li tiċħad it-talba, imressqa mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, rigward il-korrezzjoni tar-reġistrazzjonijiet tal-assenzi tiegħu minħabba mard fis-sistema SysPer2.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni impliċita li tiċħad it-talba Nru D/299/12, imressqa mir-rikorrent fit-13 ta' April 2012, rigward il-korrezzjoni tar-reġistrazzjonijiet tal-assenzi tiegħu minħabba mard fis-sistema SysPer2, billi jieħu inkunsiderazzjoni biss il-jiem ta' xogħol u dan mit-13 ta' April 2009 sal-jum tat-talba tiegħu;
- jannulla d-deċiżjoni espliċita li tiċħad it-talba Nru D/299/12, imressqa mir-rikorrent fit-13 ta' April 2012, fir-rigward tal-ħamest ijiem imneħħija mid-drittijiet tiegħu għal leave għas-sena 2012;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2013 — ZZ et vs BEI

(Kawża F-61/13)

(2013/C 274/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investment

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjonijiet individwali li jiġi applikat fir-rigward tar-rikorrenti primjum skont is-sistema l-ġdida ta' pres-tazzjonijiet u, min-naħa l-oħra, l-annulament tad-deċiżjonijiet li jagħtu primjum lir-rikorrenti bi ksur tas-sistema l-ġdida ta' pres-tazzjonijiet kif ukoll it-talba sussegwenti li tikkundanna lill-BEI għad-danni.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjonijiet individwali li jiġi applikat fir-rigward tar-rikorrenti primjum sa fejn dawn id-deċiżjonijiet jikkostitwixxu l-applikazzjoni ta' sistema ġdida ta' prestazzjonijiet;
- sussidjarjament, jannulla d-deċiżjonijiet li jagħtu primjum lil żewġ rikorrenti sa fejn dawn id-deċiżjonijiet huma bi ksur tas-sistema l-ġdida ta' prestazzjonijiet;
- jikkundanna lill-konvenut għad-danni;
- fin-nuqqas li l-konvenut jipproduċihom minn jeddu, abbażi tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, jordna lill-konvenut jipproduċi dokumenti;
- jikkundanna lil BEI għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2013 — ZZ vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**(Kawża F-64/13)**

(2013/C 274/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: F. Rollinger, avukata)*Konvenuta:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2008, kif ukoll għall-kundanna tal-konvenuta għall-ħlas ta' somma bħala kumpens għad-dannu morali.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2008;
- jannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tal-21 ta' Marzu 2013;

- jikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' somma ta' EUR 58 000 bħala kumpens għad-dannu morali;
- jikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2013 — ZZ vs Europol**(Kawża F-66/13)**

(2013/C 274/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: J.-J. Ghosez, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma jiġgeddixx il-kuntratt għal żmien determinat tar-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni meħuda mill-konvenut fit-28 ta' Settembru 2012 li permezz tagħha l-konvenut informa lir-rikorrent li huwa ma kienx ser iġġedded il-kuntratt tiegħu għal żmien determinat li kien jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012, kif ukoll id-deċiżjoni li tikkonferma r-rifjut tal-ilment tar-rikorrent, meħuda fid-9 ta' April 2013;
- jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lir-rikorrent id-differenza bejn, minn naħa, l-ammont tar-remunerazzjoni li huwa kien ikun intitolat għaliha li kieku baqa' impjegat fi ħdanu u, min-naħa l-oħra, l-ammont tar-remunerazzjoni, tal-onorarji, tal-allowances tal-qgħad jew ta' kull allowance alternattiva oħra li huwa fil-fatt irċieva mill-1 ta' Jannar 2013 bħala sostitut għar-remunerazzjoni li kien jirċievi bħala membru tal-persunal temporanju;

- jikkundanna lil Europol għall-ispejjeż.